REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 923/2008

tat-12 ta' Settembru 2008

li jagħti bidu għal investigazzjoni dwar l-evażjoni possibli ta' miżuri anti-dumping imposti bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1174/2005, kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 684/2008, dwar importazzjonijiet ta' trakkijiet tal-palits tal-idejn u l-partijiet essenzjali tagħhom li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina b'importazzjoni ta' trakkijiet tal-palits tal-idejn u l-partijiet essenzjali tagħhom kkunsinnati mit-Tajlandja, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mit-Tajlandja u kemm jekk le u li jagħmel dawn l-importazzjonijiet suġġetti għal reġistrazzjoni

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ("ir-Regolament bażiku") [1], u b' mod partikolari l-Artikoli 13(3), 14(3) u 14(5) tiegħu,

Billi:

Il-Kummissjoni ddeċidiet, skont l-Artikolu 13(3) tar-Regolament (KE) Nru 384/96 ("ir-Regolament bażiku") li tinvestiga fuq inizjattiva tagħha stess il-possibbiltà ta' evażjoni tal-miżuri antidumping imposti fuq l-importazzjonijiet ta' trakkijiet tal-palits tal-idejn u l-partijiet essenzjali tagħhom li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina.

A. Il-PRODOTT

Il-prodott ikkonċernat mill-evażjoni possibbli huma trakkijiet tal-palits tal-idejn u l-partijiet essenzjali tagħhom, jiġifieri xażis u ħajdroliks, li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, normalment iddikjarati taħt il-kodiċijiet NM ex 8427 90 00 u ex 8431 20 00. It-trakkijiet tal-palits tal-idejn huma ddefiniti bħala trakkijiet b'roti li jirfdu dirgħajn forma ta' furketta li jerfgħu għat-tqandil tal-palits, iddisinjati biex jiġu mbuttati, miġbuda u mmexxija bl-idejn, fuq wiċċ lixx, invell u iebes, minn operatur pedonali bl-użu ta' laċċ artikulat. It-trakkijiet tal-palits tal-idejn huma ddisinjati biss biex jerfgħu tagħbija, bl-ippumpjar tal-laċċ, sa għoli biżżejjed għall-ġarr u ma għandhom l-ebda funzjoni jew użu addizzjonali ieħor bħal pereżempju, (i) biex iġorru u jerfgħu t-tagħbijiet biex jitqiegħdu aktar fl-għoli jew jgħinu fil-ħżin tat-tagħbijiet (highlifters), (ii) biex jistivaw palit fuq ieħor (stackers), (iii) biex jerfgħu t-tagħbija għal livell fejn isir ix-xogħol (scissorlifts) jew (iv) biex jerfgħu u jiżnu t-tagħbijiet (weighing trucks) ("il-prodott ikkonċernat").

Il-prodott investigat huwa trakkijiet tal-palits tal-idejn u l-partijiet essenzjali tagħhom, kif iddefiniti fil-paragrafu ta' hawn fuq, ikkunsinnati mit-Tajlandja ("il-prodott investigat") normalment iddikjarati taħt l-istess kodiċijiet bħall-prodott ikkonċernat.

[1] ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1.

B. MIŻURI EŻISTENTI

Il-miżuri attwalment fis-seħħ u li possibbilment qed jiġu evitati huma miżuri anti-dumping imposti bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1174/2005 [2], kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 684/2008 [3].

C. RAĠUNIJIET

Il-Kummissjoni għandha għad-dispożizzjoni tagħha biżżejjed evidenza *prima facie* li qed issir evażjoni tal-miżuri anti-dumping fuq importazzjonijiet ta' trakkijiet tal-palits tal-idejn u l-partijiet essenzjali tagħhom li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina permezz ta' operazzjonijiet ta' assemblaġġ fit-Tajlandja tal-prodott investigat.

L-evidenza *prima facie* għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni hija kif ġej:

— Sar tibdil sinifikanti fil-mudell tal-kummerċ li jinvolvi esportazzjonijiet mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u t-Tajlandja lejn il-Komunità wara l-impożizzjoni tal-miżuri fuq il-prodott ikkonċernat, u ma hemmx raġuni jew ġustifikazzjoni biżżejjed għal tibdil bħal dan għajr l-impożizzjoni tat-taxxa.

— Dan it-tibdil fil-mudell tal-kummerċ jidher li ġej minn operazzjonijiet ta' assemblaġġ fit-Tajlandja ta' trakkijiet tal-palits tal-idejn u l-partijiet essenzjali tagħhom.

— Barra minn hekk, l-evidenza turi li l-effetti ta' rimedju tal-miżuri eżistenti ta' anti-dumping fuq il-prodott ikkonċernat qegħdin jiddgħajfu f'termini kemm ta' kwalità kif ukoll ta' prezz. Volumi sinifikanti ta' importazzjonijiet tal-prodott li qed jiġi investigat mit-Tajlandja jidhru li ħadu post l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat. Barra minn hekk, hemm biżżejjed evidenza li din iż-żieda fl-importazzjonijiet qiegħda ssir bi prezzijiet ferm taħt il-prezz ta' bla danni stabbilit fl-investigazzjoni li wasslet għall-miżuri eżistenti.

— Fl-aħħar nett il-Kummissjoni għandha f'idejha biżżejjed evidenza *prima facie* li l-prezzijiet tat-trakkijiet tal-palits tal-idejn u l-partijiet essenzjali tagħhom huma oġġett ta' dumping fir-rigward tal-valur normali stabbilit preċedentement għat-trakkijiet tal-palits tal-idejn u l-partijiet essenzjali tagħhom.

[2] ĠU L 189, 21.7.2005, p. 1
[3] ĠU L 192, 19.7.2008, p. 1

Jekk il-prassi ta' evażjoni li hija koperta bl-Artikolu 13 tar-Regolament bażiku, għajr dik imsemmija hawn fuq, tiġi identifikata fl-andament tal-investigazzjoni, l-investigazzjoni tista' tkopri din il-prassi wkoll.

D. PROĊEDURA

Fid-dawl ta' dak li ntqal sa issa, il-Kummissjoni kkonkludiet li jeżistu provi biżżejjed biex jiġġustifikaw il-bidu ta' investigazzjoni skont l-Artikolu 13 tar-Regolament Baziku u li tagħmel l-importazzjonijiet ta' trakkijiet tal-palits tal-idejn u l-partijiet essenzjali tagħhom kkunsinnati mit-Tajlandja, kemm jekk ddikjarati li joriġinaw fit-Tajlandja u kemm jekk le, suġġetti għal reġistrazzjoni, skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku.

(a) Kwestjonarji

Sabiex tikseb it-tagħrif li hija tqis bħala meħtieġ għall-investigazzjoni tagħha, il-Kummissjoni se tibgħat kwestjonarji lill-esportaturi/produtturi u lill-assoċjazzjonijiet ta' esportaturi/produtturi fit-Tajlandja, lill-importaturi u lill-assoċjazzjonijiet ta' importaturi fil-Komunità li kkooperaw fl-investigazzjoni li wasslet għall-miżuri attwali u lill-awtoritajiet tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina u t-Tajlandja. L-informazzjoni, kif inhu xieraq, tista' wkoll tintalab mill-industrija tal-Komunità kif ukoll mill-esportaturi/produtturi fir-Repubblika tal-Popolari taċ-Ċina.

Fi kwalunkwe każ, il-partijiet interessati kollha għandhom jikkuntattjaw lill-Kummissjoni minnufih, u mhux iktar tard mil-limitu ta' żmien stabbilit fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament u, jekk ikun hemm bżonn, jitolbu kwestjonarju fil-limitu ta' żmien stabbilit fl-Artikolu 3(1), peress li l-limitu ta' żmien stabbilit fl-Artikolu 3(2) ta' dan ir-Regolament japplika għall-partijiet interessati kollha.

L-awtoritajiet tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina u t-Tajlandja se jkunu nnotifikati bil-ftuħ tal-investigazzjoni.

(b) Ġbir ta' tagħrif u s-seduti

Il-partijiet interessati kollha huma b'dan mistiedna jagħtu l-fehmiet tagħhom bil-miktub u jipprovdu evidenza ta' sostenn. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' tisma' lill-partijiet interessati, sakemm ikunu għamlu talba bil-miktub u wrew li hemm raġunijiet partikolari għalfejn għandhom jinstemgħu.

(c) Eżenzjoni mir-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet jew mill-miżuri

Skont l-Artikolu 13(4) tar-Regolament bażiku, importazzjonijiet tal-prodott li qed jiġi investigat jistgħu jkunu eżentati mir-reġistrazzjoni jew il-miżuri jekk l-importazzjoni ma tikkostitwixxix evażjoni.

Billi l-possibbiltà ta' evażjoni ssir barra mill-Komunità, eżenzjonijiet jistgħu jingħataw, skont l-Artikolu 13(4) tar-Regolament bażiku, lill-produtturi tal-prodott li qed jiġi investigat li jistgħu juru li m'huma relatati mal-ebda produttur suġġett għall-miżuri u li jinstabu li mhumiex involuti fi prassi ta' evażjoni kif iddefinit fl-Artikoli 13(1) u 13(2) tar-Regolament bażiku. Il-produtturi li jixtiequ jiksbu eżenzjoni għandhom jibagħtu talba b'sostenn xieraq ta' evidenza fil-limitu taż-żmien indikat fl-Artikolu 3(3) ta' dan ir-Regolament.

E. REĠISTRAZZJONI

Skont l-Artikolu 4(5) tar-Regolament bażiku, l-importazzjonijiet tal-prodott li qed jiġi investigat għandhom ikunu suġġetti għal reġistrazzjoni biex jiġi żgurat li, jekk l-investigazzjoni tirriżulta f'sejbiet ta' evażjoni, dazji tal-anti-dumping ta' ammont xieraq jistgħu jiġu intaxxati b'mod retroattiv mid-data tar-reġistrazzjoni ta' dawn l-importazzjonijiet.

F. LIMITI TAŻ-ŻMIEN

Fl-interess ta' amministrazzjoni soda, għandhom jiġu ddikjarati l-limiti taż-żmien biex:

— il-partijiet interessati jippreżentaw ruħhom lill-Kummissjoni, iressqu fehmiethom bil-miktub u jibagħtu t-tweġibiet għall-kwestjonarju tagħhom jew kull tagħrif ieħor li jrid jitqies fl-investigazzjoni,

— il-produtturi fit-Tajlandja jistgħu jitolbu eżenzjoni mir-reġistrazzjoni ta' importazzjonijiet jew miżuri,

— il-partijiet interessati jagħmlu talba bil-miktub biex jinstemgħu mill-Kummissjoni.

Qed tinġibed l-attenzjoni għall-fatt li l-eżerċizzju ta' ħafna middrittijiet proċedurali stabbiliti fir-Regolament bażiku jiddependi fuq il-fatt li l-partijiet jippreżentaw lilhom infushom fil-limiti taż-żmien imsemmija fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament.

G. NUQQAS TA' KOOPERAZZJONI

Fejn xi parti interessata tirrifjuta l-aċċess jew ma tipprovdix it-tagħrif meħtieġ fil-limiti ta' żmien, jew b'mod sinifikanti tfixkel l-investigazzjoni, is-sejbiet proviżorji jew finali, pożittivi jew negattivi, jistgħu jsiru skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, fuq il-bażi tal-fatti disponibbli.

Fejn jinstab li parti interessata pprovdiet informazzjoni falza jew qarrieqa, l-informazzjoni għandha titwarrab u jista' jsir użu tal-fatti disponibbli. Jekk parti interessata ma tikkooperax jew tikkoopera biss parzjalment u s-sejbiet għalhekk jissejsu fuq fatti disponibbli skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, irriżultat jista' jkun inqas favorevoli għal dik il-parti milli kieku kkooperat.

H. **IPPROĊESSAR TA' DEJTA PERSONALI**

Ta' min jinnota li kull dejta personali miġbura f'din l-investigazzjoni se tkun ittrattata skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-ħarsien tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-entitajiet tal-Komunità u dwar il-moviment ħieles ta' din id-dejta [1].

I. **L-UFFIĊJAL GĦAS-SMIGĦ**

Ta' min jinnota wkoll li jekk il-partijiet interessati jqisu li qegħdin jiltaqgħu ma' diffikultajiet biex jeżerċitaw id-drittijiet ta' difiża tagħhom, dawn ikunu jistgħu jitolbu l-intervent tal-Uffiċjal għas-Smigħ tad-DĠ Kummerċ. Huwa jagħmilha ta' medjatur bejn il-partijiet interessati u s-servizzi tal-Kummissjoni, u joffri, fejn meħtieġ, medjazzjoni fi kwistjonijiet proċedurali li jaffettwaw il-ħarsien tal-interessi tagħhom f'din l-investigazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward ta' kwistjonijiet li jikkonċernaw l-aċċess għall-fajl, il-kunfidenzjalità, l-estensjoni tal-limiti taż-żmien u t-trattament ta' preżentazzjonijiet tal-fehmiet orali u/jew bil-miktub. Għal aktar tagħrif u dettalji ta' kuntatt, il-partijiet interessati jistgħu jikkonsultaw il-paġni fuq l-internet tal-Uffiċjal għas-Smigħ fuq il-websjat tad-DĠ Kummerċ (http://e-c.europa.eu/trade),

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

B'dan jingħata bidu għal investigazzjoni skont l-Artikolu 13(3) tar-Regolament (KE) Nru 384/96, biex jiġi ddeterminat jekk l-importazzjonijiet fil-Komunità ta' trakkijiet tal-palits tal-idejn u l-partijiet essenzjali tagħhom, jiġifieri xażis u ħajdroliks, kkunsinnati mit-Tajlandja kemm jekk joriġinaw fit-Tajlandja kemm jekk le u li jaqgħu fi ħdan il-kodiċi NM ex 8427 90 00 u ex 8431 20 00 (kodiċi TARIC 8427 90 00 11 u 8431 20 00 11), humiex jevadu l-miżuri imposti bir-Regolament (KE) Nru 1174/2005, kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 684/2008. It-trakkijiet tal-palits tal-idejn huma ddefiniti bħala trakkijiet b'roti li jirfdu dirgħajn forma ta' furketta li jerfgħu għat-tqandil tal-palits, iddisinjati biex jiġu mbuttati, miġbuda u mmexxija bl-idejn, fuq wiċċ lixx, invell u iebes, minn operatur pedonali bl-użu ta' laċċ artikulat. It-trakkijiet tal-palits tal-idejn huma ddisinjati biss biex jerfgħu tagħbija, bl-ippumpjar tal-laċċ, sa għoli biżżejjed għall-ġarr u ma għandhom l-ebda funzjoni jew użu addizzjonali ieħor bħal pereżempju, (i) biex iġorru u jerfgħu t-tagħbijiet biex jitqiegħdu aktar fl-għoli jew jgħinu fil-ħżin ta' tagħbijiet (highlifters), (ii) biex jistivaw palit fuq ieħor (stackers), (iii) biex jerfgħu t-tagħbija għal livell fejn isir ix-xogħol (scissorlifts) jew (iv) biex jerfgħu u jiżnu t-tagħbijiet (weighing trucks).

Artikolu 2

B'dan tingħata direttiva lill-awtoritajiet tad-Dwana, skont l-Artikolu 13(3) u l-Artikolu 14(5) tar-Regolament (KE) Nru 384/96, biex jieħdu l-passi xierqa biex jirreġistraw l-importazzjonijiet identifikati fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament.

Ir-reġistrazzjoni għandha tiskadi disa' xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Il-Kummissjoni tista', permezz ta' Regolament, titlob lill-awtoritajiet tad-Dwana jieqfu mir-reġistrazzjoni ta' importazzjonijiet lejn il-Komunità ta' prodotti mmanifatturati mill-produtturi li jkunu applikaw għal eżenzjoni mir-reġistrazzjoni u li jkunu nstabu li ma jkunux qegħdin jevadu d-dazji tal-anti-dumping.

Artikolu 3

1. Il-kwestjonarji għandhom jintalbu mill-Kummissjoni fi żmien 15-il jum mill-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

2. Il-partijiet interessati, jekk l-appelli tagħhom iridu jitqiesu waqt l-investigazzjoni, iridu jippreżentaw ruħhom billi jikkuntattjaw lill-Kummissjoni, iressqu l-fehmiet tagħhom bil-miktub u jibagħtu t-tweġibiet tal-kwestjonarju jew kwalunkwe tagħrif ieħor fi żmien 40 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea,* għajr jekk speċifikat mod ieħor.

3. Il-produtturi fit-Tajlandja li jitolbu eżenzjoni mir-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet jew mill-miżuri għandhom jippreżentaw talba sostnuta b'evidenza kif xieraq fi ħdan l-istess limitu ta' żmien ta' 40 jum.

4. Il-partijiet interessati jistgħu japplikaw ukoll biex jinstemgħu mill-Kummissjoni fl-istess limitu ta' żmien ta' 40 jum.

5. Kull tagħrif marbut mal-kwistjoni, kull talba għal seduta jew għal kwestjonarju kif ukoll kull talba għal eżenzjoni mir-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet jew mill-miżuri trid issir bil-miktub (mhux f'format elettroniku, sakemm mhux speċifikat mod ieħor) u trid tindika l-isem, l-indirizz, l-indirizz elettroniku, in-numri tat-telefown u tal-faks tal-parti interessata. Kull preżentazzjoni bil-miktub, inkluż it-tagħrif mitlub f'dan ir-Regolament, it-tweġibiet għall-kwestjonarju u l-korrispondenza pprovduta mill-partijiet interessati fuq bażi kunfidenzjali għandha tkun immarkata bħala *"Limitata"* [2] u, skont l-Artikolu 19(2) tar-Regolament bażiku, għandha tkun akkumpanjata minn verżjoni mhux kunfidenzjali, li għandha tkun immarkata *"Għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati"*.

L-indirizz tal-Kummissjoni għall-korrispondenza:

European Commission
Directorate General for Trade
Directorate H
Office: N105 04/090
B-1040 Brussels
Fax (+32 2) 295 65 05

[1] ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

[2] Dan ifisser li d-dokument ikun għal użu intern biss. Huwa protett skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-aċċess pubbliku għal dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43). Huwa dokument kunfidenzjali skont l-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku u l-Artikolu 6 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Implimentazzjoni tal-Artikolu VI tal-GATT 1994 (Ftehim Anti-dumping).

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 12 ta' Settembru 2008.

Għall-Kummissjoni
Peter MANDELSON
Membru tal-Kummissjoni